MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 269/2008

Kawza fil-lista: 22

**A B f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri**
**C sive D E B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur LegF Victor Bugeja nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti F E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenti Marilyn B u l-konvenut F E izzewgu fit-tmintax (18) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) fir-Registru Pubbliku, Valletta (Dokument A);

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldet tifla unika, li jisimha C sive D E B, li ghad ghandha sentejn (Dokument B);

3. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta’ abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, u l-hajja tal-kontendenti flimkien ma ghadhiex aktar possibli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment bi htija tal-istess konvenut;

4. Illi minkejja l-isforzi tal-esponenti sabiex tilhaq ftehim mal-konvenut dwar is-separazzjoni ta’ bejniethom, l-istess ftehim baqa’ ma sehhx minhabba nuqqasijiet tal-konvenut;

5. Illi b’ kuntratt tan-Nutar Dottor Carmel Mangion tat-tletax (13) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dokument C), il-kontendenti eskludew il-komunjoni tal-akkwisti u addottaw ir-regim tas-separazzjoni tal-beni;

6. Illi b’ digriet ta’ din il-Qorti tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), l-esponenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi b’ kawza ghall-firda personF (Dokument D).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u previa kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega matul it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personF bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta’ binthom minuri C sive D E B f’ idejn l-esponenti;

3. Tiffissa r-retta Fmentari dovuta lill-esponenti mill-konvenut ghall-bzonnijiet tal-istess binthom minuri;

4. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li f' dak l-istadju ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, stante li l-konvivenza matrimonjali bejniethom kienet saret impossibbli peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu bir-rit civili fit-18 ta' Marzu 2006 meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 25 sena, u l-konvenut assenti, cittadin libjan, kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Gheluq is-sitt xhur, il-konvenut ippropona li jizzewwgu, u l-attrici accettat. Dawn izzewwgu ad insaputa tal-familjari taghha.

Illi fiz-zmien taz-zwieg civili il-konvenuta kienet tqila minn wild tal-konvenut; u fis-16 ta' Gunju 2006 twieldet it-tifla C.

Illi matul il-konvivenza matrimonjali il-partijiet, u senjatament l-attrici rriskontrat problemi, derivanti mill-fatt li deher bic-car li, ghalkemm il-konvenut kien izzewweg, hu ma riedx jassumi l-obbligi tieghu ta' ragel mizzewweg u kien baqa' jghix il-hajja ta' guvni.  Huwa kien jonfoq u jberbaq il-flus li kien jaqla' tant li okkazjonalment ma kienx ikollhom flus bizzejjed biex jixtru l-bzonnijiet tal-hajja, u l-attrici kien allura ikollha ddur fuq il-flus parafernali taghha.

Illi dan il-komportament irresponsabbli da parti tal-konvenut lejn martu u bintu wassal sabiex f' Settembru 2006 kellhom argument qawwi, bir-rizultat li l-konvenut minn rajh qabad ppakkja hwejjgu u telaq mid-dar konjugali, u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha b'binthom li dak iz-zmien kellha tlett xhur. L-attrici tghid li wara dak l-incident il-konvenut "baqa' qatt ma rega' gie lura maghna." Tghid li l-konvenut, ghalkemm kellu access ghat-tifla, ried jibqa' jghix fil-liberta' u flus qatt ma taha, la ghaliha u lanqas ghat-tifla minuri.  F' Ottubru 2006 telaq il-Libja ghal kollox.

L-attrici tispjega li minhabba f' hekk, u nonostante li t-tifla kien ghad kellha tlett xhur biss, hija kienet kostretta li tohrog tahdem biex tmantni lilha nnifisha u lil bintha. Kellha wkoll tirrinunzja ghall-inkwilinat tad-dar konjugali, peress li ma kellhiex introjtu bizzejjed biex tkompli thallas il-kera, u marret tghix bit-tifla mal-genituri taghha.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza da parti tal-konvenut is-sevizzi kontemplati fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap.16 fil-konfront ta' martu u ta' binthom, meta huwa abbanduna d-dar konjugali u halla lil martu tfendi ghar-rasha flimkien ma' bintha ta' tlett xhur, tant li dina kienet kostretta tohrog tahdem nonostante li t-tifla kienet ghadha ta' eta' zghira hafna, peress li hu qatt ma taha flus la ghaliha u lanqas ghat-tifla. Kellha sahansitra tmur tghix mal-genituri taghha biex tkampa. Dan il-komportament jattira s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap precitat.

Anke matul il-konvivenza matrimonjali qasira taghhom il-konvenut wera ruhha bhala bniedem irrepsonsabbli u ma kienx jaghti kaz tal-familja tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**
Illi in propozitu ma hemmx dubju li l-interess tal-minuri C, li dejjem ghexet ma' ommha, jiddetta li din tigi fdata fil-kura u kustodja esklussiva taghha;  bid-dritt ta' access favur il-missier-assenti, li l-modalita' tieghu tigi stabbilita fuq applikazzjoni ad hoc da parti ta' l-istess konvenut.

**Manteniment**
Illi l-attrici qeda titlob bid-dritt li l-konvenut assenti jgi kkundat jhallas manteniment ghall-bzonnijiet ta' binthom minuri; u l-Qorti tosserva li, ghalkemm dan id-dritt qed jigi affermat f' dan il-gudizzju, pero' ma tistax tasal ghall-qwantum tal-manteniment dovut, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward. Ma jirrizultax kemm kien l-introjtu tal-konvenut, anke approssimattiv, matul il-konvivenza matrimonjali; u ghalhekk din il-parti tat-talba qed tigi rizervata.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut assenti;
[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament billi tafferma l-obbligu tal-konvenut li jhallas manteniment ghal binthom minuri; u jibqa' mpregudikat id-dritt ta' l-istess attrici li tipprocedi ulterjorment sabiex jigi fissat il-quantum ta' dan il-manteniment;
[4] tilqa' ir-raba' talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jigu mhallsa provvizorjament lill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------